**28 ta' April, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL.D.,**

George Zahra

*versus*

Alfred Borg

**Kambjala - Azzjoni Kambjarja**

*Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut biex jikkontesta t-talba attriċi f'azzjoni kambjarja magħmula bil-proċediment sommarju speċjali.*

*Il-Qorti irriaffermat il-ġurisprudenza kostanti illi fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din fuq il-wiċċ tagħha tkun monka f'xi waħda mill-elementi kostituttivi essenzjali tagħha kif trid il-liġi.*

Il-Qorti:-

Rat l-atti taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta:

"Illi l-attur jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elf, tliet mija u ħamsin lira Maltija (Lm1,350) import ta' kambjali minnu

aċċettati liema kambjali jinsabu hawn annessi bħala Dokument "A" sa "I";

Illi dawn il-kambjali skadew iżda baqgħu ma tħallsux nonostante li l-konvenut ġie interpellat bosta drabi;

Illi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet attriċi u b'hekk jeżistu ċ-ċirkostanzi kkontemplati *ai fini* ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Talab li din il-Qorti:

Tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ kif ipprovdut *ai fini* ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tikkundanna l-konvenut, anke a tenur ta' l-artikolu 198 tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta, iħallas lill-attur is-somma ta' elf, tliet mija u ħamsin lira Maltija (Lm1,350) import ta' kambjali minnu aċċettati u ffirmati liema kambjali skadew iżda baqgħu ma tħallsux;

Bl-ispejjeż u l-imgħax";

Rat l-*affidavit* ta' l-attur li bih bil-ġurament tiegħu kkonferma illi huwa kreditur tal-konvenut fl-import ta' tmien (8) kambjali esebiti maċ-ċitazzjoni maħruġa mill-konvenut favur l-attur. Dawn huma għall-valur ta' Lm150 il-waħda u li mmaturaw waħda kull 30 tax-xahar mit-30 ta' Ġunju, 1994 sat-30 ta' Jannar, 1995;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 1995 il-konvenut deher assistit mill-Avukat tiegħu biex jikkontesta t-talba ta' l-attur. Il-

konvenut, permezz tal-konsulent tiegħu, ivverbalizza li "l-eċċezzjonijiet li ried jagħti mhumiex dawk li joħorġu mill-kambjali infushom imma minn negozju li kien hemm bejn il-kontendenti u li bħala riżultat tiegħu il-konvenut jippretendi li hu kreditur ta' l-attur";

Rat li l-Qorti f'dik is-seduta ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Hu ċar mill-verbal fuq iċċitat illi l-konvenut qed jaċċetta l-validita' tal-kambjali esebiti, ma jikkontestax li kien hu li ħariġhom favur l-attur u lanqas li kollha mmaturaw. Kambjali li kellhom allura jiġu onorati u mħallsa mill-konvenut lill-attur fid-dati tar-rispettivi skadenzi. Dan il-konvenut ma għamlux għax jallega illi dawn il-kambjali kienu konnessi ma' negozju li hu għamel ma' l-attur u li fih u dwaru hu llum jippretendi li huwa kreditur ta' l-istess attur. Jippretendi ukoll li f'din l-azzjoni hu jista' jagħti din ix-xorta ta' eċċezzjoni li - skond hu - tiġġustifikah li ma jħallasx il-kambjali fl-iskadenzi tagħhom;

M'għandux raġun. Infatti l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ hekk jistipula:

"(1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-possessur tal-kambjala (l-attur) ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħhom jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja;

(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul is-smigħ tagħhom issir f'kawża għalihom u sadanittant il-kundanna

għall-ħlas tal-kambjala ... ma' għandhiex tkun imdewma";

Hu għalhekk li l-Qrati dejjem irritenew illi fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet li jikkontestaw il-validita` formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wiċċ tagħha monka f'xi waħda mill-elementi kostituttivi essenzjali tagħha kif trid il-liġi;

"Infatti avolja l-konvenut għandu xi jgħid ħafna ... b'dana kollu minħabba l-fatt li din hija azzjoni kambjarja għandha jkollha applikati d-disposizzjonijiet *li jittutelawha*" *(Vol. XXIX - P.I - p.1528)*;

"Meta f'kawża għall-ħlas ta' somma li tirriżulta minn kambjala jingħataw eċċezzjonijiet ta' natura tali li ma tistax titwaqqaf il-kawża u l-likwidazzjoni tal-kontijiet bejn il-partijiet tieħu żmien twil, il-konvenut ma jistax jirrifjuta l-ħlas pero` il-Qorti tista' tagħmel favur tiegħu riserva tad-drittijiet fis-sens li timponi lill-attur l-obbligazzjoni munita b'garanzija jew li skond id-diskrezzjoni tagħha li jirrestitwixxi dak li f'kawża li jagħmel apposta l-konvenut jirriżulta li dan ikun ħallas żejjed" (Vol. XXIX - P.I - p. 1136);

Hu immedjatament ovvju għall-Qorti illi *una volta* l-pretensjoni tal-konvenut li hu infatti kreditur ta' l-attur bħala konsegwenza ta' negozju bejniethom hi kkontestata mill-istess attur id-determinazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet li l-konvenut jixtieq javvanza f'din il-kawża biex jopponi t-talba attriċi kienet ser tieħu neċessarjament fit-tul. Mhux il-każ allura li l-Qorti tikkunsidra t-talba tal-konvenut li jippreżenta eċċezzjonijiet biex jopponi d-domanda attriċi *multo magis* meta din ġiet avvanzata bil-proċedura speċjali *ai termini* ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti. Tirriserva favur il-konvenut kull dritt ta' azzjoni lilu spettanti *si et quatenus* kontra l-konvenut naxxenti mill-fatti li taw lok għall-kawża tal-kambjali minnu f'din il-kawża proposta, jew għal kull negozju ieħor bejn il-kontendenti;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut. Jiddekorru l-imgħax favur l-attur skond il-liġi mid-data tar-rispettivi skadenzi tal-kambjali.